



WIRT
IŻ-ŻEJTUN
www.wirtizzejtun.com

# Wirt iż-Żejtun

Wirt iż-Żejtun hija għaqda volontarja, mhux governattiva u li ma tgħamilx qliegħ. Il-ħidma tagħha hija fil-qasam tal-ħarsien tal-wirt kulturali fil-lokal taż-Żejtun. L-għaqda ġiet iffurmata fuq inizzjattiva ta grupp ta nies, il-biċċa l-kbira minnhom residenti Żwieten, b permezz ta riżoluzzjoni li ġiet approvata waqt laqgħa li nżammet fit-3 ta Ottubru 2010.
L-istatut ta din l-għaqda ġie approvat fit-13 ta Diembru 2010 u immedjatament wara bdew jinkitbu l-ewwel membri. Illum l-għaqda għandha aktar minn tmenin membru imsieħba fiha.
Il-viżjoni tal-għaqda hija li fl-iqsar żmien possibbli ddaħħal kuxjenza akbar f'qalb iż-Żwieten dwar il-ħtieġa li napprezzaw, nirrispettaw u nieħdu ħsieb aktar il-wirt naturali, kulturali, ambjentali, storiku, etnografiku u arkeoloġiku taż-Żejtun u niesu. Sa mit-twaqqif tagħha il-kumitat ta din l-għaqda irnexxielu jagħmel attivita kważi kull xahar bil-għan li jkattar l-apprezzament tal-wirt storiku u kulturali taż-Żejtun. Għal dawn l-attivitajiet kellna attendenzi mhux biss minn residenti Żwieten iżda anke minn nies minn barra ż-Żejtun. B hekk barra l-attivita ta Żejt iż-Żejtun organizzata mill-Kunsill Lokali bil-parteipazzjoni ta diversi ghaqdiet miż-Żejtun, din l-għaqda bdiet tiġbed nies lejn iż-Żejtun f xhur oħra matul is-sena. Biex dawn l-attivitajiet kienu ta suċċess sibna kull koperazzjoni meħtieġa kemm mill-Kunsill Lokali, il-Parroċċa kif ukoll mill-għaqdiet li lkoll fehemu l-għan nobbli li għalih qed taħdem l-għaqda. Iżda bħal kull għaqda oħra mingħajr għajnuna finanzjarja ma tista tagħmel xejn. Hawn l-akbar għajnuna sibniha mill-membri li fehemu u ħaddnu l-għan u il-viżjoni ta l-għaqda, u bil-ħlas ta sħubija tagħhom stajna nsostnu l-attivitajiet tagħna. Sibna wkoll għajnuna minn xi sponsors mill-komunita kummerċjali, għalkemm ikollna ngħidu li stennejna li nsibu aktar. Dawk li joqgħodu ir-Raħal t'Isfel jew ir-Raħal ta' Fuq rawna indawwru grupp mdaqqas ta' persuni li wieġbu għal żewġ stediniet li għamilna f żewġt iħdud differenti fix-xhur li għaddew, meta organiżżajna mixjiet kulturali u informattivi fit-triqat ta' dawn il-partijiet antiki taż-Żejtun. Dawn iż-żewġ attivitajiet ħolqu interess kbir tant li inagħtaw importanza wkoll mill-media.
Forsi hawn min minnkom ukoll kien preżenti għall-attivita li għamilna fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn bil-għajnuna ta l-artiġġjan Żejtuni Vince Abela, stajna napprezzaw aktar ix-xogħol ta l-interzjar fl-injam li għandna fis-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.
Dawn huma biss ftit mill-attivitajiet li għamilna s'issa. Barra mill-attivitajiet, Wirt iż-Żejtun għandha wkoll is-sit elettroniku tagħha www.wirtizzejtun.com, kif ukoll il-pagna u grupp fuq il-Facebook. Dawn il-meżżi diġitali qed iservu bħala għajn t'informazzjoni mhux biss għalina ż-Żwieten iżda wkoll għall-istudenti u l-emigranti. Jekk int għadek qatt ma dħalt fuq dawn il-meżżi, nistidnuk biex issib ħin u iżżurhom.
Wirt iż-Żejtun hija kommessa li tkompli tqarreb in-nies lejn il-wirt storiku u kulturali tagħna. Nixtiequ ninvestu aktar ħin fit-tfal li huma l-ġenerazzjoni ta Żwieten t'għada, iżda dmirna hu li l-ġenerazzjoni tal-llum nibżgħu għal dak li ħallewlna l-ġenerazzjonijiet ta qabilna. Jekk int tħoss li għandek l-istess ħsibijiet tagħna nistednuk tingħaqad magħna fl-attivitajiet li ngħamlu. ■